CCT/168/24/S

Chantelle Buttigieg

Vs

Ventur Auto Dealer Ltd

Illum 22 ta' Settembru,2026.

It-Tribunal,

Ra t-talba ppreżentata minn Chantelle Buttigieg, ippreżentata fis-6 ta' Awwissu 2024 kif ukoll ir-risposta ppreżentata mis-soċjeta' Ventur Auto Dealer Ltd ippreżentata fis-6 ta' Marzu 2025.

Sema' x-xhieda, ra id-dokumenti ppreżentati kif ukoll it-trattazzjoni li saret waqt is-seduta tal-20 ta' Novembru, 2025.

Ikkunsidra,

Illi din il-pendenza tirrigwarda xiri ta' vettura tat-tip Nissan Leaf li kienet taħdem bl-elettriku għal prezz ta' €7,500 u li mill-ewwel bdew diversi ilmenti partikolarment rigward il-kundizzjoni u l-kwalita' tal-batterija sabiex tkun tista' tiċċarġja il-vettura.

Saru anki allegazzjonijiet oħra, partikolarment li l-vettura kienet tixxokkja pero' dan ġie kontestat mis-soċjeta' intimata illi semmiet illi kemm-il darba ġiet spezzjonata minn nies tal-mistjier u ma sabu ebda problema fiha.

Illi jingħad mill-ewwel illi dan it-Tribunal iħoss illi mill-provi prodotti jirriżulta li dan ic-*charger* ma kienx tal-kwalita' pattwita u ma setgħax jiċċarġja il-vettura u għaldaqstant mill-ewwel qed jiddeċiedi wara li ra il-provi

imressqa illi kellu jiġi sostitwit ic-*charger* mibjugħ b'wieħed oriġinali u li effettivament jaħdem u li seta' jiċċarġja il-vettura imsemmija.

Illi fir-rigward tal-vettura in kwistjoni dan it-Tribunal iħoss illi ma ngħabux provi biżżejjed għajr dak li qalet ir-rikorrenti illi l-vettura ma kinitx la tal-kwalita' patwita, u lanqas f'kundizzjoni illi taħdem għajr għal kwistjoni tac-*charger*.

Illi jingħad mill-ewwel illi min jallega irid jipprova għaliex *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat* (ara is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) tal-25 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet "Bartoli Brothers Ltd vs Wayne Chetcuti et".

Illi mill-provi imressqa, dan it-Tribunal iħoss illi ir-rikorrenti ma rnexxiliex tipprova illi il-vettura kienet difettuża u għalhekk is-soċjeta' intimata ma għandiex tiġi affettwata għal tali nuqqas tar-rikorrenti u dan minħabba il-prinċipji *actore non probante, reus absolvitor* (ara is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) tat-18 ta' Lulju 2017 fl-ismijiet "Angelo Xuereb nomine vs Godwin Migneco et nomine").

Illi dawn l-argumentazzjonijiet ġew ukoll spjegati fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati Malta tad-19 ta' Jannar 2026 fl-ismijiet "Miller Distributions Ltd vs Nick's Trading Ltd".

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u ċ-ċirkostanzi tal-każ, t-Tribunal Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' *in parte* it-talba tar-rikorrenti fis-sens illi jordna lis-soċjeta' intimata tgħaddi lir-rikorrenti *charger* oriġinali u funzjonanti tan-Nissan, filwaqt li Tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' intimata u Tiċħad il-kumplament tat-talbiet tar-rikorrenti. L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jinqassmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Richard Sladden Av.
Arbitru